MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1211/2002

**Rikors Nru: 1211/02 JA**

**Nazzareno u Maria Concetta sive Connie mizzewgin Borg.**

**-vs-**

**George u Maria Louise mizzewgin Catania u Tarcam Company Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-29 t' Ottubru, 2002, li permezz tieghu l-atturi ppremettew;

Li bis-sahha ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tad-19 ta' Novembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet "*Nazzareno Borg – vs- Geroge Catania"* (Citazzjoni Nru: 1669/93 JF [Dok A]), il-konvenut George Catania kien gie kkundannat ihallas lill-attur Nazzareno Bord is-somma ta' Lm5000 (hamest elef Lira Maltin) bl-imghax legali kalkolat mid-29 ta' Novembru, 1993 u dan in linea ta' danni, oltre l-ispejjez ta' l-istess kawza.

Li sussewgewntement l-attur kiteb diversi drabi lill-konvenut George Catania sabiex ihallas is-somma kanonizzata fuq imsemmija, izda l-istess konvenut baqa' inadempjenti.

Li fl-24 ta' Jannar, 2002 l-attur talab il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestu ezekuttiv numru 136/02 kontra l-konvenut (Dok B) u anke kontra l-konvenuta martu f' din il-kawza Maria Louise Catania bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti, izda l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti b' digriet sussegwenti, ghalkemm laqghet it-talba fil-konfront tal-konvenut, cahdet l-istess talba fil-konfront tal-istess martu.

Li fl-1 ta' Marzi, 2002, l-istess attur intavola mandat ta' Qbid ezekuttiv numru 475/02 kontra l-imsemmi konvenut (Dok C) u fit-12 ta' Marzu, 2002, il-Marixxall li mar biex jesegwixxi l-mandat fir-residenza tal-istess irrapporta bil-miktub li l-konvenut jghix ma' anzjani u li fuq ismu m' ghandu xejn state li l-gid kollu tieghu huwa registrat fuq kumpannija li ggib l-isem Tarcam Company Limited u f'isem martu Maria Louise Catania.

Li minn ricerki li wettqu l-atturi mar-Registratur tas-Socjetajiet, irrizulta li s-socjeta' Tarcam Company Limited kienet giet registrata fl-10 t' Ottubru, 1994 u b' effett mit-12 ta' Frar 2002, il-250 sehem ordinarju ta' Lm1 il-wahda li kellu l-konvenut George Catania gew trasferiti ghal fuq isem il-konvenuta martu Maria Louise Catani (dok D) biex b' hekk din ta' l-ahhar saret l-unika azzjonista.

Li minn ricerki li l-atturi wettqu fir-Registru Pubbliku, irizulta li fis-6 ta' Frar, 2002, il-konvenuti ittrasferew l-utile

dominju temporanju tal-fond bla numru u bla isem, mibni fuq plot 18 fi Triq il-Merill,

Mellieha permezz ta’ kuntratt li jgib l-istess data fl-atti tan-Nutar John Debono (Dok E).

Li t-trasferiment tal-ishma f’ Tarcam Company Limited lill-konvenuta Maria Louise Catania li kienu f’ isem il-konvenut George Catania u tal-fond fuq imsemmi mill-istess konvenuti lill-istess socjeta’ saru apposta u b’ qerq sabiex id-drittijiet tal-aturi naxxenti mis-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili jigu eluzi u saru mill-konvenuti Catania bi hsara ghad-drittijiet tal-atturi.

Li s-sentenza fuq imsemmija li permezz taghha l-attur Nazzareno Borg kien gie kanonizzat kreditur tal-konvenut George Catania fis-somma ta’ Lm5000 tapplika wkoll u taghmel stat fil-konfront ta’ martu l-konvenuta Maria Louise Catania u dan stante li si tratta ta’ debitu tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Catania.

Ghalhekk jghidu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikkjara bhala nulli u bla effett legali kemm it-trasferiment ta’ 250 sehem fis-socjeta’ Tarcam Company Limited li sar mill-attur (sic) George Catania favur martu l-konvenuta Mary Louise Catania, kif wkoll it-trasferiment tal-utile dominju temporanju tal-fond fil-Mellieha fuq imsemmi mill-konvenuti Catania lill-istess socjeta’ stante li dawn saru b’ qerq bl-iskop preciz li jigu lezi d-drittijiet tal-atturi bhala kredituri ta’ l-istess;

2. Tiddikkjara li s-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti tad-19 ta’ Novembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet *“Nazzareno Borg –vs- George Catania”* fuq indikata tapplika wkoll u taghmel stat fil-konfront tal-konvenuta Maria Louise Catania u dan stante li d-debitu huwa tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-konjugi Catania.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 2161/02 intavolat kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjrazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut George Catania pprezentata fi 8 ta’ Jannar, 2003, li permezz taghha ecepixxa illi:

1. Ic-citazzjoni odjerna hija nulla stante illi ma’ jirrizultax fil-grad rikjest mill-Ligi liema azzjoni l-atturi qieghdin jezercitaw. Ghalhekk, il-konvenuti jirrizervaw illi jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk jinghad mill-atturi odjerni liema azzjoni qeghdin jittentaw.

2. L-azzjoni ittentata hija vessatorja stante illi l-attur kellu kull opportunita’ jezegwixxi s-sentenza imsemmija.

3. Fi kwalsiasi kaz, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-pretensjonijiet attrici kif detotti kontrihom huma indondati fil-fatt u fid-dritt u dan ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz, partikolarment in vista tat-tieni eccezzjoni fuq imsemmija.

Rat id-dikjrazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda ta’ l-istess konvenut.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Maria Louise Catania kif wkoll ta’ Tarcam Company Limited prezentata 8 ta’ Jannar, 2003 li permezz taghha eccepew reverentement illi:

1. Preliminarjament, huma m’ humhiex il-legittimi kontraditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Sussidjarjament u wkoll in linea preliminari, ic-citazzjoni odjerna hija nulla stante illi ma jirrizultax fil-grad rikjest mill-ligi liema azzjoni l-atturi qedghdin jittentaw. F' kaz li l-atturi

jiddikjaraw liema hi l-azzjoni minnhom ittentata, l-eccipjenti qeghdin minn issa jirrizervaw id-dritt illi jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Fi kwalsiasi kaz, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-pretensjonijiet attrici kif dedotti kontrihom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz, partikolarment in vista tat-tieni eccezzjoni fuq imsemmija.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tal-konvenuta Maria Louise Catania u tas-socjeta' Tarcam Limited;

Semghet lill-attur;

Rat li l-konvenuti m' attendewx ghas-seduti u ma' ressqux provi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru, 2003, li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Illi l-fatti li taw lok ghal kawza huma dawn:

L-attur wara li ottjena sentenza kontra l-konvenut ma' setghax jesegwiha ghaliex fost ohrajn il-konvenut ceda l-ishma li kellu fis-socjeta' Tarcam Company Limited lill-martu u anke trasferixxa utile dominju tal-fond fi Triq il-Merill il-Mellieha lis-socjeta' msemmija.

Fil-fehma tal-Qorti, l-attur ghandu ragun jallega li dan sar b' qerq biex il-kreditu tieghu jigi eluz.

Fir-rigward tat-tieni talba pero', din l-Qorti ma' thossx li tista' tinterpreta ezitu ta' kawza ohra li ghaddiet in gudikat. L-attur jista' jesegwixxi s-sentenza kontra l-konvenut Catania b' liema mod idhirlu, u jekk imbaghad ikun hemm xi kwistjoni dwar jekk il-propjeta' maqbuda jkunux tieghu, ghandha tigi deciza f' sede ohra.

Din il-Qorti la tista' tintepreta sentenza precedenti u lanqas tbiddel l-okkju ta' tali sentenza, kif in effetti qed jitolbu l-atturi.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fir-rigward ta' l-ewwel talba u tilqa' ghalhekk l-istess talba u tiddikjara nulli u bla effett legali it-trasferiment ta' 250 sehem fis-socjeta' Tarcam Company Limited mill-konvenut a favur il-konvenuta Maria Louise Catania, u anke it-trasferiment tal-utile dominium tal-fond fil-Mellieha fuq imsemmi a favur tas-socjeta' konvenuta.**

**Tilqa' pero' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fir-rigward tat-tieni talba u tichad l-imsemmija t-tieni talba.**

**L-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------